DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/783

tat-30 ta' April 2019

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/355 (BiH/28/2019)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(2) Fis-27 ta' Frar 2018 il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/355 ([2]), li taħtar il-Ġeneral Maġġur Martin DORFER bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Reinhard TRISCHAK bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE l-ġdid biex jieħu post il-Maġġur Ġeneral Martin DORFER mis-26 ta' Ġunju 2019.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE fit-18 ta' Marzu 2019.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2018/355.

(6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.

(7) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li ssostni li l-arranġamenti Berlin Plus u l-implimentazzjoni tagħhom japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tan-NATO jew membri tal-programm tas-Sħubija għall-Paċi u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Reinhard TRISCHAK huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (operazzjoni ALTHEA) mis-26 ta' Ġunju 2019.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/355 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/355 tas-27 ta' Frar 2018 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/682 (BiH/26/2018) (ĠU L 68, 12.3.2018, p. 12).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Ġunju 2019.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2019.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
S. FROM-EMMESBERGER